

EBA/GL/2020/04

04/05/2020

Linji gwida dwar id-determinazzjoni tal-maturità medja ponderata tas-segment f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jaġmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jstabbilixxu l-opinjoni tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar il-mod kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Obbligi ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jaġtu r-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta' konformità, sa 30.08.2020. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza "EBA/GL/2020/04". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa sabiex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw il-metodoloġija għall-kejl tal-maturità ta' segment (MT) bħala l-maturità medja ponderata (WAM) tal-pagamenti kuntrattwali dovuti taħt is-segment (CF_t) imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013². Għal dak il-għan, dawn il-linji gwida jistabbilixxu kif għandhom jiġu ddeterminati l-pagamenti kuntrattwali msemija f'dak l-Artikolu. Dawn jispeċifikaw ukoll id-*data* meħtieġa biex jiġi applikat l-approċċ WAM u l-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tiegħu.

Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida jissodisfaw il-mandat mogħti lill-EBA biex toħroġ linji gwida f'konformità mal-Artikolu 257(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
7. Dawn il-linji gwida japplikaw għal istituzzjonijiet li jkejlu l-maturità tas-segment f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Destinatarji

8. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1093/2010.

Definizzjonijiet

9. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u ddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fir-Regolament (UE) 2017/2402³ għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida.

² Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-reqwiziti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

³ Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li jorloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

3. Implimentazzjoni

10. Dawn il-linji gwida jibdew japplikaw mill-1 ta' Settembru 2020.

4. Linji gwida

4.1 Pagamenti kuntrattwali skont il-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

4.1.1 Titolizzazzjonijiet tradizzjonali

11. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet tradizzjonali, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-pagamenti kuntrattwali kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 abbażi tal-pagamenti kuntrattwali pagabbli mill-oriġinatur lill-SSPE u dawk pagabbli mill-SSPE lid-detenturi tas-segment. Għal dak il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-passi li ġejjin f'sekwenza:

- (a) l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-pagamenti kuntrattwali tal-mutwatarji tal-iskoperturi sottostanti pagabbli lill-SSPE bl-applikazzjoni tal-mudell tal-assi kif stabbilit fit-Taqsima 4.3;
- (b) l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-output tal-applikazzjoni tal-mudell tal-assi fil-kalkolu tal-pagamenti kuntrattwali pagabbli mill-SSPE lid-detenturi tas-segment f'konformità mal-prijorità tal-pagamenti stabbiliti fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet bl-applikazzjoni tal-mudell tal-obbligazzjonijiet billi japplikaw il-passi li ġejjin f'sekwenza:
 - (i) dawn għandhom jiddeterminaw l-ammont totali tal-fluss tal-flus pagabbli mill-SSPE kif stabbilit fit-Taqsima 4.4.2;
 - (ii) dawn għandhom jallokaw il-pagamenti kuntrattwali lid-detenturi tas-segment kif stabbilit fit-Taqsima 4.4.3.

12. L-eżitu skont il-punt (b) ta' hawn fuq għandu jitqies bħala l-pagamenti kuntrattwali għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

4.1.2 Titolizzazzjonijiet sintetiċi

13. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet sintetiċi, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-pagamenti kuntrattwali kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ġej:

- (a) Meta s-segmenti jkunu soġġetti għall-protezzjoni tal-kreditu, il-pagamenti kuntrattwali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jitqiesu bħala s-somma ta':

- (i) il-pagamenti kuntrattwali pagabbli lill-oriġinatur mill-mutwatarji tal-iskoperturi sottostanti, li huma allokati għat-tnaqqis tal-ammont pendenti tas-segment, u
 - (ii) il-pagamenti kuntrattwali tal-primjums pagabbli mill-oriġinatur lill-fornitur tal-protezzjoni tas-segment protett kif stabbilit fit-Taqsima 4.5.
- (b) Għal segmenti minbarra dawk imsemmija fil-punt (a) ta' hawn fuq, il-pagamenti kuntrattwali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jitqiesu bħala l-pagamenti kuntrattwali pagabbli lill-oriġinatur mill-mutwatarji tal-iskoperturi sottostanti biss, li huma allokati għat-tnaqqis tal-ammont pendenti tas-segment.

4.2 Data u informazzjoni

4.2.1 Sors ta' data dwar il-fond sottostanti tal-iskoperturi

Użu ta' data interna

14. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-approċċ WAM kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw *data* interna dwar il-portafoll sottostanti tal-iskoperturi titolizzati, meta dawn ikunu s-servizzjant tal-iskoperturi titolizzati.

Użu ta' data esterna

15. Meta l-istituzzjonijiet ma jkunx is-servizzjant tal-iskoperturi titolizzati u ma jkollhomx aċċess għal *data* interna, dawn għandhom jużaw biss is-sorsi ta' *data* esterni li ġejjin:
- (a) id-*data* pprovduta mill-oriġinatur, l-isponsor, l-SSPE jew is-servizzjant, jew direttament jew trażmessa permezz ta' fornitur tad-*data* ta' parti terza,
 - (b) *data* dwar l-iskoperturi sottostanti tat-titolizzazzjoni magħmula disponibbli mill-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE f'konformità mal-punti (a) u (e) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402,
 - (c) *data* dwar l-iskoperturi sottostanti tat-titolizzazzjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/2402,
 - (d) id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet.

4.2.2 Data dwar il-fond sottostanti tal-iskoperturi

16. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-approċċ WAM kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-*data* meħtieġa biex jiġi applikat il-mudell tal-assi stipulat fit-Taqsima 4.3 għandha tkun kompluta.

17. Meta *d-data* meħtieġa biex jiġi applikat il-mudell tal-assi ma tkunx kompluta, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu l-aġġustamenti meħtieġa kif stabbilit f'din it-taqsim. Meta *n-nuqqas ta' data* jkun jikkonċerna l-bilanċ kurrenti prinċipali jew id-denominazzjoni tal-munita tal-iskoperturi sottostanti, l-istituzzjoni m'għandhiex tuża l-approċċ WAM imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
18. L-aġġustamenti msemmija fil-paragrafu 17 għandhom jirriflettu s-suppożizzjoni l-aktar konservattiva, li għandha tkun dik li tipposponi l-pagamenti kuntrattwali l-aktar qrib għall-maturità legali finali tat-tranżazzjoni. Għal dak il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom l-ewwel jużaw l-informazzjoni disponibbli fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet dwar il-kriterji ta' eliġibbiltà, u wara japplikaw il-lista mhux eżawrjenti ta' aġġustamenti li ġejja skont liema informazzjoni dwar l-iskopertura sottostanti ma tkunx kompluta.

Meta l-informazzjoni dwar l-iskoperturi sottostanti ma tkunx kompluta fir-rigward ta':

- (a) id-*"data tal-maturità"*, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-maturità legali finali;
 - (b) id-*"tip ta' amortizzament"*, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-amortizzament b'saldu uniku, li jfisser l-amortizzament fejn l-ammont prinċipali sfiħ jitħallas lura fl-aħħar pagament parzjali;
 - (c) id-*"frekwenza tal-pagamenti prinċipali skedata"*, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw frekwenza annwali fejn it-tip ta' amortizzament ikun jeħtieġ pagamenti parzjali perjodiċi;
 - (d) id-*"frekwenza tal-pagament tal-imgħax skedata"*, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw frekwenza annwali fejn it-tip ta' amortizzament ikun jeħtieġ pagamenti parzjali perjodiċi;
 - (e) id-*"rata attwali tal-imgħax"*, fejn ikun hemm informazzjoni dwar il-firxa tar-rata tal-imgħax tal-iskoperturi titolizzati fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rata tal-imgħax l-aktar baxxa possibbli.
19. Permezz ta' deroga mill-punt (e) tal-paragrafu 18, meta l-ammont pendenti ta' skoperturi li fir-rigward tagħhom ma tkunx disponibbli l-informazzjoni dwar ir-rata tal-imgħax attwali ma jkunx jaqbeż il-5 % tal-ammont pendenti totali tal-iskoperturi titolizzati, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw għal dawk l-iskoperturi r-rata tal-imgħax medja ponderata skont l-iskopertura tal-iskoperturi titolizzati li għalihom dik l-informazzjoni tkun disponibbli.

4.2.3 Informazzjoni dwar it-tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni

20. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-approċċ WAM kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu fuq sorsi ta' informazzjoni preċiżi u affidabbli.

21. Id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet għandha tkun is-sors primarju ta' informazzjoni biex jiġu kkalkulati l-pagamenti kuntrattwali dovuti mill-SSPE lid-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni f'titolizzazzjoni tradizzjonali, u biex jiġu kkalkulati l-pagamenti kuntrattwali li jirriżultaw mill-ftehim ta' protezzjoni bejn l-akkwiredent tal-protezzjoni u l-fornitur tal-protezzjoni f'titolizzazzjoni sintetika.
22. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-aktar l-informazzjoni magħmula disponibbli f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/2402.
23. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet STS mhux ABCP, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw ukoll il-mudell tal-flus tal-flus tal-obbligazzjonijiet magħmul disponibbli f'konformità mal-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402 bħala informazzjoni addizzjonali.
24. Meta l-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE jkunu stabbiliti f'pajjiż terz, għandha titqies ukoll l-informazzjoni magħmula disponibbli dwar id-dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/2402.

4.3 Mudell tal-assi: metodoloġija għad-determinazzjoni tal-pagamenti kuntrattwali dovuti lill-SSPE

4.3.1 Dispożizzjonijiet ġenerali għall-mudelli tal-assi

25. Bil-mudell tal-assi, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-pagamenti kuntrattwali kollha pagabbli lill-SSPE ġġenerati mill-portafoll matul il-perjodu *t* kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
26. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw bħala parametri ewlenin l-informazzjoni rilevanti kollha li tista' taffettwa dawk il-pagamenti, inklużi l-kapital, l-imgħax u, kif applikabbli, it-tariffi.
27. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-pagamenti fuq bażi ta' self b'self. Fejn xieraq minħabba l-granularità, it-tbassir jista' jiġi mmudellat fuq il-bażi ta' subgruppi omoġeni tal-iskoperturi titolizzati għal tipi ta' assi bħal riċevibbli tan-negożju.
28. Il-flussi tal-flus li jiġu minn skoperturi improduttivi għandhom jiġu mmudellati b'mod separat minn dawk ta' skoperturi produttivi.

4.3.2 Il-metodoloġija għat-twettiq tal-iskoperturi sottostanti

Pagamenti ta' kapital u mgħax

29. Il-pagamenti tal-kapital għandhom jiġu kkalkulati fil-livell tas-self filwaqt li jitqiesu t-termini u l-kundizzjonijiet maqbula bejn il-mutwatarju u l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali, li jinfluwenzaw l-ammont u l-frekwenza tal-pagamenti. B'mod partikolari, il-kalkolu għandu jirrifletti b'mod preċiż il-frekwenza kuntrattwali tal-pagamenti, l-ammont mistenni ta' ripagament tal-kapital u l-imposti tal-imgħax relatati li għandhom jinġabru għal kull perjodu.

30. L-istituzzjonijiet għandhom jassumu li l-metodu tal-amortizzament u r-rati tal-imgħax applikabbli fid-data tal-kalkolu tad-WAM jibqgħu kostanti matul il-ħajja tas-self meta l-kuntratt jistabbilixxi opzjonijiet li jkunu għadhom ma ġewx realizzati jew skattati. Meta l-kuntratt ikun diġà jipprevedi li l-metodu tal-amortizzament u/jew ir-rati tal-imgħax applikabbli f'perjodi futuri jinbidlu b'mod kompletament predeterminat, sabiex il-valur preċiż tal-amortizzament u/jew tar-rata tal-imgħax applikabbli f'perjodu futur ikun jista' diġà jiġi ddeterminat fid-data tal-kalkolu tad-WAM, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu dawk il-bidliet futuri.

Trattament ta' perjodi rotanti

31. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-mudell tal-assi għal titolizzazzjonijiet rotanti, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-passi kollha li ġejjin:
- (a) L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-maturità skedata ta' kull skopertura titolizzata mid-data tal-kalkolu tad-WAM.
 - (b) Għal kull skopertura titolizzata li timmatura qabel it-tmiem tar-rikostituzzjoni jew il-perjodu rotanti, l-istituzzjonijiet għandhom jaġġustaw il-maturità skedata biex tkun daqs is-somma tal-maturità attwali tagħha u l-itwal maturità permessa ta' skopertura li tkun eliġibbli biex tiżdied mal-portafoll titolizzat matul ir-rikostituzzjoni jew il-perjodu rotanti. L-aġġustamenti għandhom isiru kemm-il darba jkun meħtieġ għal dak il-għan meta t-terminu tal-maturità aġġustata jkun iqsar mit-terminu tar-rikostituzzjoni jew tal-perjodu rotanti.
 - (c) Il-maturità finali m'għandhiex tiġi aġġustata meta l-iskopertura titolizzata tkun skedata li timmatura wara t-tmiem tal-perjodu rotanti.

Suppożizzjonijiet fir-rigward tal-prepagamenti

32. L-istituzzjonijiet jistgħu jqisu l-prepagamenti, meta jkun hemm biżżejjed *data* dwar ir-rata storika ta' prepagament tal-klassi tal-assi osservata matul l-aħħar 5 snin fil-pajjiż fejn ikunu oriġinaw l-assi, bil-kondizzjoni li dawn iqisu l-aktar wieħed baxx:
- (a) mir-rata ta' prepagament meqjusa fix-xenarju bażi tas-suppożizzjonijiet ta' prepagament tal-ipprezzar tat-tranżazzjoni, b'limitu massimu ta' 20 %;
 - (b) mir-rata storika l-aktar baxxa ta' prepagament tal-klassi tal-assi osservata kull tliet xhur, jew tal-anqas kull sena, matul l-itwal perjodu disponibbli, b'minimu ta' 5 snin, fil-pajjiż fejn ikunu oriġinaw l-assi;
 - (c) mir-rata medja ta' prepagament trimestrali osservata tul il-ħajja tat-tranżazzjoni mill-bidu tagħha, b'data minima ta' sena.

Suppożizzjonijiet dwar l-inadempjenzi futuri

33. Meta l-iskoperturi jkunu parti minn portafoll produttiv, l-istituzzjonijiet m'għandhom jassumu l-ebda inadempjenza u delinkwenza futuri fil-mument tal-kalkolu tad-WAM.

Kont tal-flus u investimenti oħra

34. L-istituzzjonijiet m'għandhomx iqisu d-dħul li ġej mill-kont ta' depożitu u investimenti oħra għal żmien qasir li jsiru mill-SSPE.

Ftehimiet kuntrattwali dwar l-iskoperturi titolizzati

35. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-ftehimiet kuntrattwali li jkunu ġew konklużi mill-emittent u li jkunu tfasslu biex inaqqsu r-riskju ta' skoperturi titolizzati.
36. F'kull data tal-kalkolu tad-WAM, l-istituzzjonijiet għandhom jassumu li l-pagamenti bejn il-partijiet tal-kuntratt jibqgħu kostanti fil-livell li jkollhom fid-data tal-kalkolu, għall-bqija tal-kuntratt, anke jekk il-kuntratt ikun jipprevedi opzjonalitajiet li ma jkunux għadhom ġew realizzati jew skattati. Meta l-kuntratt ikun diġà jipprevedi li l-pagamenti applikabbli f'perjodi futuri jinbidlu b'mod kompletament predeterminat sabiex il-valur preċiż tal-pagament applikabbli jkun diġà jista' jiġi ddeterminat fid-data tal-kalkolu tad-WAM, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu dawk il-bidliet futuri.
37. Meta l-pagamenti bejn il-partijiet tal-kuntratt ikunu marbuta ma' valuri nozzjonali pendenti, li jistgħu jiġu kkalkulati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-mudell tal-assi stabbilit f'din it-taqsim, il-pagamenti futuri għandhom jiġu aġġustati biex jirriflettu l-iżvilupp mistenni ta' dawk il-valuri nozzjonali.

Skattaturi miftiehma b'mod kuntrattwali fuq l-iskoperturi titolizzati

38. Meta jkun seħħ l-avveniment skattatur, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-iskattaturi miftiehma b'mod kuntrattwali li bidlu l-fluss tal-flus tal-iskoperturi titolizzati mid-data tal-attivazzjoni. Meta l-iskattaturi miftiehma b'mod kuntrattwali jkunu se japplikaw f'ċerta data futura b'mod kompletament predeterminat sabiex il-bidla preċiża tal-fluss tal-flus futur tkun tista' tiġi ddeterminata fid-data tal-kalkolu tad-WAM, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu wkoll dawk l-iskattaturi futuri.

4.3.3 Metodoloġija għal skoperturi improduttivi

39. Il-pagamenti tal-kapital u tal-imgħax tal-iskoperturi li ma jkunux produttivi fil-ħin tal-kalkolu tad-WAM għandhom jiġu preżunti li huma ugwali għal zero matul il-ħajja tat-titolizzazzjoni.

Suppożizzjonijiet dwar ir-rati ta' rkupru

40. Meta l-istituzzjonijiet jitħallew jużaw l-istimi tal-LGD tagħhom stess f'konformità mar-rekwiżiti tal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal

parti mill-iskoperturi titolizzati, dawn għandhom jużaw il-valur ta' 1 nieqes l-LGD bħala r-rata ta' rkupru għal dawn l-iskoperturi titolizzati.

41. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-valur ta' 1 nieqes ir-rata storika medja ta' telf osservata matul l-aħħar 5 snin għall-klassi tal-assi fil-pajjiż fejn ikunu oriġinaw l-assi bħala r-rata ta' rkupru għall-iskoperturi titolizzati minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 40. Meta l-informazzjoni dwar il-5 snin sħaħ ma tkunx disponibbli, għandha tintuża l-ogħla rata storika ta' telf osservata. Meta l-ebda parti minn din l-informazzjoni ma tkun disponibbli minn sorsi affidabbli, bħal assoċjazzjonijiet ta' ipoteki f'każijiet ta' self ipotekarju jew aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu b'rekords twal ta' *data*, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw rata ta' telf ta' 50 % għal skoperturi prijoritarji titolizzati mhux fil-livell tal-konsumatur u għal skoperturi titolizzati fil-livell tal-konsumatur u rata ta' telf ta' 100 % għal skoperturi mhux prijoritarji titolizzati mhux fil-livell tal-konsumatur.

Suppożizzjonijiet dwar il-ħin tal-irkupru

42. Meta l-istituzzjonijiet jitħallew jużaw l-istimi tal-LGD tagħhom stess f'konformità mar-rekwiżiti tal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawn għandhom jużaw bħala ħin tal-irkupru, is-suppożizzjonijiet medji tal-perjodu ta' ristrutturazzjoni li jintużaw fl-LGD tagħhom f'mudelli ta' inadempjenza. Għall-bqija tal-istituzzjonijiet, iż-żmien ta' rkupru għandu jiġi preżunt li huwa l-perjodu storiku medju ta' ristrutturazzjoni osservat fl-aħħar 5 snin fl-istess klassi ta' assi u pajjiż, li fih ikunu oriġinaw l-assi. Meta dik l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, minflok għandu jintuża l-itwal perjodu storiku ta' ristrutturazzjoni li jkun ġie osservat. Fejn l-ebda parti minn din l-informazzjoni ma tkun disponibbli minn sorsi affidabbli (eż. assoċjazzjonijiet ipotekarji nazzjonali f'każijiet ta' self ipotekarju jew aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu b'rekords twal ta' *data*), l-istituzzjonijiet għandhom jassumu li l-irkupri kollha se jsiru fil-maturità legali finali tat-tranżazzjoni.

4.4 Mudell tal-obbligazzjonijiet: metodoloġija għad-determinazzjoni tal-pagamenti kuntrattwali pagabbli mill-SSPE lid-detenturi tas-segment għal titolizzazzjoni tradizzjonali

4.4.1 Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-mudell tal-obbligazzjonijiet

43. Il-varjabbli tal-input kollha li jintużaw fil-mudell tal-obbligazzjonijiet għandhom iqisu b'mod preċiż it-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali tat-tranżazzjoni stabbiliti fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet tat-titolizzazzjoni, inklużi iżda mhux limitati għal:
 - (a) l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-segmenti bħall-maturità legali finali, il-frekwenza tal-pagament, ir-rata tal-kupun, l-imgħaxijiet, l-ammonti prinċipali u nozzjonali tas-segmenti;

- (b) il-karatteristiċi strutturali ewlenin bħall-prijorità tal-pagamenti u l-iskattaturi relatati;
 - (c) arranġamenti ta' ħħeġġjar, mekkaniżmi ta' protezzjoni strutturali, spejjeż u tariffi.
44. Karatteristiċi kuntrattwali fakultattivi, minbarra opzjonijiet ta' sejħa għal clean-up kif imsemmi fil-punt (g) tal-Artikolu 244(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li jnaqqsu l-maturità tas-segment m'għandhomx jitqiesu.

4.4.2 Determinazzjoni tal-ammont totali pagabbli mill-SSPE

Prinċipji ġenerali għad-determinazzjoni tal-ammont totali tal-fluss tal-flus

45. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont totali tal-fluss ta' flus pagabbli mill-SSPE f'kull data ta' pagament. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-eżitu prodott fl-applikazzjoni tal-mudell tal-assi kif stabbilit fit-Taqsima 4.3 u jaġġustawh biex iqis kwalunkwe fluss ta' flus li jkun ġej minn arranġamenti ta' ħħeġġjar u mekkaniżmi ta' protezzjoni strutturali, fejn ikun applikabbli, u t-tariffi u l-kostijiet li għandhom jitħallsu mill-SSPE qabel ma jiġu allokati l-pagamenti kuntrattwali għas-segmenti kif speċifikat f'din it-taqsim.

Aġġustamenti

46. L-arranġamenti ta' ħħeġġjar konklużi mill-SSPE biex tkopri d-diskrepanzi fil-pagamenti bejn il-flussi ta' flus iġġenerati mill-iskoperturi sottostanti u l-flussi ta' flus pagabbli lid-detenturi tas-segment għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-ammont totali tal-fluss ta' flus disponibbli pagabbli mill-SSPE. Dawn l-aġġustamenti għandhom jinkludu l-flussi ta' ħruġ u l-flussi ta' dħul li jkunu ġejjin minn swaps tar-rati tal-kambju u tal-imgħax, fejn ikun applikabbli.
47. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu wkoll il-flussi tal-flus attwali li jirriżultaw mill-użu ta' mekkaniżmi ta' protezzjoni strutturali mmirati biex jiżguraw li l-kapital u l-imgħax pagabbli taħt is-segmenti jitħallsu b'mod sħiħ u fil-ħin, fejn ikun applikabbli, bħall-flussi ta' ħruġ jew il-flussi ta' dħul li jirriżultaw minn faċilità ta' likwidità, fond ta' riżerva jew mekkaniżmu ta' nassa tal-marġni pożittiv.
48. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-aġġustamenti msemmija fil-paragrafi 46 u 47 biss:
- (a) meta jkun intuża arranġament ta' ħħeġġjar jew mekkaniżmu ta' protezzjoni strutturali u dan ikollu impatt fuq l-ammont totali pagabbli, f'liema każ l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu fuq *data* attwali osservata kif applikabbli fid-data tal-kalkolu tad-WAM;
 - (b) meta dawn ikunu se japplikaw f'ċerta data futura b'mod kompletament predeterminat sabiex il-bidla preċiża tal-fluss tal-flus f'perjodu futur tkun tista' tiġi ddeterminata diġà fid-data tal-kalkolu tad-WAM rispettiva.

4.4.3 Allokazżjoni tal-pagamenti kuntrattwali fost id-detenturi tas-segment

49. L-allokazżjoni tal-pagamenti bejn id-detenturi tas-segment għandha tirrifletti b'mod xieraq it-termini tal-ftehim kuntrattwali tat-tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni kif applikabbli fid-data tal-kalkolu tad-WAM.

Trattament ta' karatteristiċi strutturali

50. Il-karatteristiċi strutturali kollha tat-tranżazzjoni li jirregolaw l-allokazżjoni tal-pagament fost id-detenturi tas-segment għandhom jitqiesu meta jiġu mmudellati l-flussi ta' flus tal-obbligazzjonijiet. Dawn għandhom jinkludu, b'mod partikolari, ir-regoli kuntrattwali rigward il-prijorità ta' pagamenti, il-profil ta' amortizzament tan-noti u kwalunkwe bidla wara l-użu ta' skattatur.

Prijorità tal-pagament

51. L-allokazżjoni tal-pagamenti lil kull detentur ta' segment għandha ssegwi r-regoli kuntrattwali rigward il-prijorità ta' pagament, li għandhom jispeċifikaw b'mod preċiż l-ordni li fiha jitħallsu n-noti ta' kull segment u ż-żmien li matulu jiġu allokat i-pagamenti.
52. Barra minn hekk, fejn ikun applikabbli, għandhom jitqiesu r-regoli prevalenti rigward ir-rikostituzzjoni tal-faċilità ta' likwidità wara għid ta' kreditu parzjali jew sħiħ, l-amortizzament tal-fond ta' riżerva u r-rikostituzzjoni tar-reġistru ta' nuqqasijiet prinċipali għandhom jitqiesu meta jiġi determinat il-pagament ta' kull nota.

Profil tal-amortizzament

53. L-amortizzament tan-noti ta' segment għandhom jitqiesu fil-mudell tal-obbligazzjonijiet. Il-mudell tal-obbligazzjonijiet għandu jirreplika b'mod preċiż ir-regoli ta' amortizzament applikabbli għal kull nota kif iddefinit fil-prijorità ta' pagamenti skont id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet fil-mument tal-kalkolu tad-WAM.

Skattaturi

54. L-iskattaturi kuntrattwali li jimmodifikaw il-flussi ta' flus tat-tranżazzjoni għandhom jitqiesu fil-mudell tal-obbligazzjonijiet biss meta jkunu ġew attivati fid-data tal-kalkolu tad-WAM.
55. Skattaturi bbażati fuq il-prestazzjoni tal-assi sottostanti, b'hal rati ta' delinkwenza u telf, jew fuq il-veloċità ta' prepagement tal-assi sottostanti m'għandhomx ikunu preżunti attivi sakemm il-prestazzjoni attwali fid-data tal-kalkolu ma tissodisfax il-kundizzjonijiet predeterminati. Madankollu, meta skattatur miftiehem b'mod kuntrattwali jkun applikabbli f'ċerta data futura b'mod kompletament predeterminat sabiex il-bidla preċiża tal-fluss tal-flus f'perjodu futur tkun tista' tiġi ddeterminata diġà fid-data tal-kalkolu tad-WAM, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu dawk il-bidliet futuri.

Indirizzar ta' karatteristiċi fakultattivi

56. Karatteristiċi kuntrattwali fakultattivi, bħal opzjonijiet step-up, opzjonijiet put, opzjonijiet regolatorji, opzjonijiet taż-żmien u opzjonijiet tat-taxxa li jnaqqsu l-maturità tan-nota m'għandhomx jitqiesu.
57. Permezz ta' deroga mill-paragrafu preċedenti, jistgħu jitqiesu opzjonijiet eżerċitabbli eżawrjenti f'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 244(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jippermettu t-tifdija bikrija tan-noti qabel ma jiġu amortizzati għalkollox l-iskoperturi titolizzati.

4.5 Metodoloġija għad-determinazzjoni tal-pagamenti kuntrattwali dovuti taħt is-segment fil-każ ta' titolizzazzjonijiet sintetiċi

4.5.1 Prinċipji ġenerali għad-determinazzjoni tal-ammont tal-fluss tal-flus

58. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-pagamenti kuntrattwali pagabbli lill-oriġinatur mill-mutwatarji tal-iskoperturi sottostanti billi japplikaw l-istess metodoloġija bħal dik għall-iskoperturi produttivi f'titolizzazzjonijiet tradizzjonali kif stabbilit fit-Taqsima 4.3. Il-pagamenti kuntrattwali għandhom ikunu dawk li għandhom jiġu allokat i għas-segmenti f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjoni. Il-prepagamenti għandhom jiġu esklużi.
59. L-istituzzjonijiet għandhom jallokaw il-pagamenti kuntrattwali msemmija fil-paragrafu 58 għas-segmenti billi jnaqqsu l-ammonti pendenti tagħhom, f'konformità mal-allokazzjoni stabbilita fit-termini u l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjoni. It-termini u l-kundizzjonijiet għandhom jirriflettu din l-allokazzjoni b'mod preċiż meta jsir il-kalkolu tad-WAM. Meta l-allokazzjoni ma tkunx stabbilita b'mod ċar fit-termini u l-kundizzjonijiet, l-istituzzjonijiet m'għandhomx japplikaw l-approċċ tad-WAM stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
60. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-pagamenti kuntrattwali tal-primjums li għandhom jitħallsu mill-oriġinatur f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali tat-tranżazzjoni kif iddefiniti fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet tat-titolizzazzjoni.
61. Meta l-pagamenti kuntrattwali tal-primjums ikunu jiddependu fuq il-bilanċ pendenti tas-segmenti li jkunu assoċjati mal-protezzjoni tal-kreditu, l-istituzzjonijiet għandhom jimmodellaw il-bilanċ pendenti tas-segment għall-perjodi li ġejjin sal-maturità legali finali tat-tranżazzjoni, f'konformità ma' din it-taqsim.

4.5.2 Amortizzament

62. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu s-sistema tal-amortizzament stabbilita fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet sabiex jiġi ddeterminat l-ammont pendenti tas-

segmenti u għandhom jassumu li s-sistema tal-amortizzament tas-segmenti fid-data tal-kalkolu tad-WAM tkun applikabbli matul il-ħajja tat-tranżazzjoni.

63. Meta d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet tkun diġà tipprevedi li s-sistema tal-amortizzament applikabbli f'perjodi futuri tinbidel b'mod kompletament predeterminat sabiex il-valur futur preċiż tal-amortizzament ikun jista' jiġi ddeterminat fid-data tal-kalkolu tad-WAM, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu dawk il-bidliet futuri.

4.5.3 Skattaturi

64. Meta l-garanzija jew il-kuntratt ikunu jinkludu skattatur li jibdel is-sistema tal-amortizzament minn sistema għal oħra (eż. minn pro rata għal sekwenzjali) abbażi ta' ċerti kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati (eż. il-prestazzjoni tal-iskoperturi titolizzati), dan l-iskattatur m'għandux jitqies sakemm ma jkunx diġà ġie attiv fid-data tal-kalkolu tad-WAM. Madankollu, meta skattatur ikun applikabbli f'ċerta data futura b'mod kompletament predeterminat sabiex il-bidla preċiża tal-fluss tal-flus f'perjodu futur tkun tista' tiġi ddeterminata diġà fid-data tal-kalkolu tad-WAM rispettiva, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu dak l-iskattatur.

4.5.4 Karatteristiċi fakultattivi

65. Meta l-oriġinatur ikollu l-għażla li jtemm il-protezzjoni, u t-termini u l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjoni jkun fihom inċentivi pożittivi biex l-oriġinatur jinvoka t-tranżazzjoni qabel il-maturità kuntrattwali, l-oriġinatur għandu jqis il-maturità tal-protezzjoni bħala ż-żmien tal-eqreb data li fiha dik l-għażla tista' tiġi eżerċitata; inkella l-oriġinatur għandu jittratta tali opzjoni bħala li ma taffettwax il-maturità tal-protezzjoni.
66. L-istituzzjonijiet jistgħu jqisu opzjonijiet eżerċitabbli eżawrjenti li jkunu konformi mal-punt (f) tal-Artikolu 245(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jippermettu t-tifdija bikrija tan-noti qabel ma jiġu amortizzati għalkollox l-iskoperturi titolizzati.

4.6 Monitoraġġ u implimentazzjoni tal-approċċ WAM

4.6.1 Aġġustamenti tal-mudell

67. Il-mudelli użati għall-applikazzjoni tal-approċċ WAM għandhom jiġu mmonitorjati u aġġornati kull meta jkun meħtieġ biex jitqiesu:
- (a) kwalunkwe varjazzjoni tal-parametri prinċipali inkluż il-bilanċ tan-nota pendenti, l-istatus tal-iskattaturi u l-prestazzjoni tat-tranżazzjoni; u
 - (b) kwalunkwe bidla materjali oħra fit-tranżazzjoni inkluż ir-ristrutturar tan-noti jew tal-iskoperturi sottostanti.

4.6.2 Użu ta' fornituri ta' *data* ta' partijiet terzi

68. L-istituzzjonijiet għandhom jiddependu fuq fornituri ta' *data* ta' partijiet terzi biss meta jkunu wettqu d-diliġenza dovuta xierqa biex jiżguraw il-konformità tal-parti terza ma' dawn il-linji gwida. Għal dak il-għan, l-istituzzjonijiet jistgħu jqisu l-valutazzjoni minn awditur indipendenti estern li jkollu għarfien dimostrabbli fl-immudellar tal-fluss tal-flus u li jkollu fehim profund tat-titolizzazzjoni.

4.6.3 Mudelli ta' partijiet terzi

69. L-istituzzjonijiet għandhom jiddependu fuq fornituri ta' mudelli ta' partijiet terzi biss meta jkunu wettqu d-diliġenza dovuta xierqa u jkunu kkonfermaw li l-parti terza tikkonforma mal-linji gwida u jkollha livell xieraq ta' għarfien espert tas-suq fl-immudellar tal-fluss tal-flus u fehim sħiħ tat-titolizzazzjoni. Għal dak il-għan, l-istituzzjonijiet jistgħu jqisu l-valutazzjoni minn awditur indipendenti estern li jkollu għarfien espert dimostrabbli fl-immudellar tal-fluss tal-flus u fehim sħiħ tat-titolizzazzjoni.

4.6.4 Mudelli interni

70. Il-mudelli tal-assi u l-obbligazzjonijiet żviluppatti mill-istituzzjonijiet għall-kalkolu tad-WAM għandhom ikunu soġġetti għal rieżami inizjali, li jista' jkun jew rieżami intern indipendenti jew rieżami estern minn awditur indipendenti. Sabiex rieżami intern ikun indipendenti, il-valutazzjoni għandha ssir minn persunal indipendenti mill-persunal responsabbli għad-disinn jew it-tfassil tal-mudell. Kemm l-awdituri interni kif ukoll dawk esterni għandu jkollhom għarfien dimostrabbli fl-immudellar tal-fluss tal-flus u fehim sħiħ tat-titolizzazzjoni.

4.6.5 Rieżami tal-kwalità

71. L-istituzzjonijiet u l-fornituri ta' mudell ta' parti terza għandu jkollhom l-għarfien espert u l-kapaċità li jżommu mudell tal-flussi tal-flus li jirrifletti b'mod preċiż il-karatteristiċi prevalenti tal-portafoll sottostanti u tat-tranżazzjoni fid-data tal-kalkolu tad-WAM.
72. Il-konsistenza u l-affidabbiltà tal-mudell tal-assi u tal-obbligazzjonijiet għandhom jiġu rieżaminati kull sena fuq bażi ta' kampjun mill-persunal tal-istituzzjoni li ma jkunux responsabbli għall-mudell tad-disinn jew l-iżvilupp tagħhom, fil-każ ta' mudelli interni, jew għall-awditjar intern. Ir-rieżami indipendenti għandu tal-anqas jivvaluta:
- (a) il-kwalità tal-proċess biex tinġabar id-*data* tal-input li tintuża fil-mudell tal-assi u r-rappreżentattività tad-*data* tal-input;
 - (b) il-preċiżjoni tal-proċess biex jinġabru l-parametri ewlenin fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet tad-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet;
 - (c) il-korrettezza tal-kalkolu ġenerali.

73. Ir-rieżami indipendenti għandu jipprovdi lill-istituzzjoni dokumentazzjoni li tispeċifika jekk taqbilx li l-mudelli tal-assi u tal-obbligazzjonijiet ipproduċew riżultati validi u tiddikjara, fejn rilevanti, rakkomandazzjonijiet dwar aġġustamenti li jistgħu jtejbu l-kwalità tal-mudelli tal-assi u tal-obbligazzjonijiet.

4.6.6 Implimentazzjoni mill-istituzzjonijiet

74. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-approċċ WAM imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 b'mod konsistenti fil-pożizzjonijiet kollha ta' titolizzazzjoni li jappartjenu għall-istess tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni.
75. Meta jintuża l-approċċ WAM sabiex jiġu ddeterminati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni skont l-SEC-IRBA jew l-SEC-ERBA, id-WAM ta' kull pożizzjoni ta' titolizzazzjoni kif iddeterminata għas-segment rispettiv għandha tiġi kkalkulata u aġġornata mill-inqas fuq bażi trimestrali.
76. Meta l-istituzzjonijiet jiddeterminaw il-maturità ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni billi jużaw l-approċċ WAM fil-punt (a) tal-Artikolu 257(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawn għandhom japplikaw l-approċċ WAM b'mod konsistenti u f'konformita mal-Artikolu 257(2) ta' dak ir-regolament sakemm l-istituzzjoni ma tibqax iżżomm dik il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni. B'mod eċċezzjonali, meta l-maturità legali finali tkun inqas minn sena, l-istituzzjonijiet għandhom jitħallew jieqfu jużaw l-approċċ WAM.